15 ta' Jannar, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Antonio Buttigieg *versus* Salvatore Said

**Imgħax — Dekorrenza — Kreditu Illikwidu — Depożitu.**

*Il-massima li l-imgħax ma jiddekorrix sakemm il-kreditu dovut ma jkunx likwidu hija wisq assoluta; u jista' jkun hemm każijiet fejn din il-massima, avvolja l-kreditu jkun illikwidu, ma tistax tirċievi applikazzjoni; per eżempju, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu ma tkunx saret minħabba ħtija tad-debitur.*

*Jekk fiċ-ċitazzjoni jintalab il-ħlas ta' somma determinata bl-imgħax minn ċerta data speċifikata fl-istess ċitazzjoni, u l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba kif dedotta, imma għal somma iżgħar minn dik mitluba, mingħajr ma tgħid xejn dwar l-imgħax, għandu jiftiehem illi l-imgħax huwa dovut mid-data speċifikata fiċ-ċitazzjoni, u mhux mid-data tas-sentenza; biss fuq is-somma kif ridotta bl-istess sentenza.*

*Meta l-kreditu jkun ċert, u l-kwistjoni tkun biss fuq il-"quantum", u d-debitur jista' jkun jaf approssimativament kemm jilħaq id-debitu tiegħu, id-debitur jista' jiddepożita somma approssimativa, salva reintegrazzjoni, biex, minflok li d-debitur jibqa' jgawdi huwa ngustament l-imgħax fuq is-somma dovuta lill-kreditur, jagħti lil dana l-opportunità li jiżbanka dak l-ammont, bla preġudizzju, u jgawdi huwa l-interessi fuq flusu stess. Jekk id-debitur ma jagħmelx depożitu simili, ikun każ li fih fejn il-massima fuq imsemmija dwar id-dekorrenza ta' l-imgħax ma għandhiex tkun applikabili.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta li l-konvenut kien għamel ċitazzjoni quddiem dina l-Qorti kontra tiegħu, li biha talab il-kundanna tiegħu għall-pagament tas-somma ta' £545, bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' xogħol ta' ħadid; li dina l-Qorti, b'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 1948, ikkundannatu jħallas biss lill-konvenut is-somma ta' £489. 10. 0, u mhux l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni; illi hu ħallas lill-konvenut is-sorte kanonizzata fl-imsemmija sentenza u l-interessi mill-ġurnata tas-sentenza sal-ġurnata tal-pagament; u illi l-konvenut ottjena fit-23 ta' Ottubru 1951 l-ispedizzjoni ta' mandat ta' qbid kontra tiegħu għas-somma ta' £129. 0. 3 għall-interessi mis-6 ta' Settembru 1944 sas-27 ta' Jannar 1949, ġurnata tal-pagament tas-

sorte; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u senjatament dik illi l-kreditu mitlub mill-konvenut fl-imsemmija ċitazzjoni kontra tiegħu ma kienx likwidu, u għalhekk l-interessi għandhom jgħaddu mill-ġurnata tas-sentenza li llikwidat il-kreditu, u mogħtija l-provvedimenti opportuni, tiġi revokata l-eżekuzzjoni ta' l-imsemmi mandat tal-qbid tat-23 ta' Ottubru 1951, spedit minn dina l-Qorti fuq talba tal-konvenut kontra tiegħu (dok. A) għar-raġunijiet fuq indikati. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Il-konvenut kien talab fiċ-ċitazzjoni deċiża minn dina l-Qorti fis-27 ta' Ottubru 1948, il-pagament tas-somma ta' £545, u inkluda wkoll fil-kjuża tad-domanda l-interessi kummerċjali mid-data ta' l-aħħar konsenja tax-xogħol, ċjoè mis-6 ta' Settembru 1944. Il-Qorti ddeċidiet billi laqgħet it-talba, iżda rriduċiet l-ammont għal £489. 10. 0;

In segwitu, ċjoè fis-27 ta' Jannar 1949, l-attur ħallas lill-konvenut is-sorte kanonizzata, flimkien ma' l-imgħax mis-sentenza sal-pagament;

Wara, il-konvenut għamel mandat ta' qbid kontra l-attur għall-imgħax mis-6 ta' Settembru 1944 sas-27 ta' Jannar 1949;

Il-konvenut jammetti li l-interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament ġew imħallsa lilu (ara verbal fol. 9), u kwindi hu ċert li s-somma tal-mandat għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi ridotta fis-sens li, minflok l-imgħax ikunu sas-27 ta' Jannar 1949 (data tal-pagament), ikunu sas-26 ta' Ottubru 1948, galadarba mill-għada (27. 10. 48) — data tas-sentenza — sad-data tal-pagament ġa tħallsu;

L-attur, però, jgħid li ma hemmx imgħax dovuti mis-6 ta' Settembru 1944 sas-26 ta' Ottubru 1948, għaliex, trattandosi ta' somma mhux likwida, l-imgħax għandhom jgħaddu mid-data tas-sentenza;

Ikkunsidrat fuq dan il-punt;

In "nodum juris" f'din il-kawża jikkonsisti fi kwistjoni li ġiet dejjem dibattuta fid-dottrina u l-ġurisprudenza. Igħid il-Giorgi, Teoria Obbligaz. Vol. II, paġ. 202, para. 128:—

"Assai intricata quistione per la moderna dottrina e recente giurisprudenza è di risolvere se gli interessi moratori decorrano sopra le somme illiquide, e specialmente dopo la domanda giudiciale. Non poche decisioni dei nostri tribunali rispondono affermativamente. Altre, in numero non più scarso, rispondono precisamente il contrario. E se consultassimo la giurisprudenza francese, troveremmo la medesima contrarietà dei giudicati................" Fil-ġurisprudenza Maltija ġie akkolt il-prinċipju "in liquidandis non fit mora" (ara "Strati vs. Boselli", 18 ta' Ottubru 1909, u l-ġudikati ċitati; ara wkoll Prim'Awla "Mallia Tabone utrinque", 8 ta' Diċembru 1903);

Fil-fehma ta' l-Imħallef sedenti, u bir-rispett kollu għal dawk il-ġudikati (salva sentenza waħda li sejra tingħad), il-Qrati Tagħna affermaw il-prinċipju wisq assolutament; għaliex jista' jkun hemm każijiet li fihom dik il-massima, avvolja l-kreditu jkun illikwidu, ma tistax tirċievi ġustament l-applikazzjoni tagħha. Hekk, per eżempju, meta l-likwidazzjoni ma tkunx saret bi ħtija tad-debitur. Ikompli jgħid ġustament il-Giorgi, loc. cit. :— "Invero al senso pratico dei nostri antichi non sfuggì una distinzione; e mentre fermarono che in 'in illiquidis mora non contrahitur', limitarono la massima 'nisi culpa debitoris liquidatio differatur'. La ragione è chiara. Se la mancanza di liquidazione non dipende da colpa del debitore, ma da colpa del creditore o da forza maggiore, il debitore non può dirsi moroso, neppure dopo la domanda giudiziale, prima che la liquidazione sia compiuta, giacchè il ritardo a pagare non gli è imputabile. All'incontro, se la mancanza di liquidazione dipende da colpa del debitore, non è giusto che la impossibilità di pagare, dipendente dal fatto imputabile suo, gli serva di scusa. Il debitore è moroso e subisce le conseguenze della mora". Jista' jkun hemm anki każijiet oħra li fihom il-massima "in liquidandis non fit mora" għandha tiġi temperata, kif sejjer jingħad 'il quddiem;

Kwantu għall-każ preżenti, għandu jiġi osservat, qabel xejn, li fih hemm ċirkustanza partikulari, ċjoè l-forza tal-ġudikat, li bilfors tieħu għal soluzzjoni konformi għall-istess ġudikat;

Fiċ-ċitazzjoni originali l-attur (il-konvenut tal-lum) kien talab is-somma ta' £545, u talab ukoll l-interessi kummerċjali mid-data tal-konsenja ta' l-aħħar xogħol (ċjoè, skond il-kont fol. 4 ta' dak il-proċess, mis-6 ta' Ottubru 1944). Il-kwistjoni kienet biss fuq is-sorte, peress li l-konvenut kien eċċepixxa li kienet eżaġerata. Il-perizja stabbiliet is-somma, u l-Qorti ddeċidiet f'dawn it-termini :— "Tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament għas-somma ta' £489. 10. 0, u tiċħadha għall-kumplament";

Hu ċar li l-limitazzjoni kienet dwar is-sorte biss. Tant jidher mill-motivazzjoni, li tkellmet biss fuq is-sorte; ebda kwistjoni ma ġiet ventilata, jew deċiża, għar-rigward ta' l-imgħax. Is-sentenza għandha tiftihem anki għat-tenur tal-motivazzjoni (App. "Farrugia Gay vs. Farrugia", 12. 11. 1919, Vol. XXIV—I—157) ; u t-talba, li kienet tikkomprendi anki l-imgħax mid-data fuq indikata, ġiet milqugħa. Vwoldiri, ġa ladarba l-Qorti ma qalet xejn fuq l-imgħax kif mitluba, iżda laqgħet it-talba, għad li għal somma minuri bħala sorte, għandu loġikament jiftihem illi laqgħet it-talba (għal somma iżgħar) kif magħmula, ċjoè bit-talba ta' l-imgħax minn dik id-data. Ma jistax jingħad li l-Qorti ma ddeċidietx il-kwistjoni ta' l-imgħax ; *jista' jingħad* biss li, ladarba ma biddletx dak li kien hemm fiċ-ċitazzjoni dwar l-imgħax, dan vwoldiri li laqgħet it-talba bl-imgħax kif mitluba, biss fuq is-somma kif ridotta. Diversament kienet tgħid xort'oħra. Għalhekk il-lum l-attur ma jistax jirrivanga dan il-pont;

Però, anki apparti dan, hemm raġuni oħra favur il-konvenut. F'dan il-każ il-kreditu kien ċert, u l-kwistjoni kienet biss fuq il-"quantum". Il-konvenut ta' allura (l-attur tal-lum) kien eċċepixxa li l-prezz kien eżaġerat, u fid-dikjarazzjoni kien qal li l-prezz kien imissu jkun regolat skond il-prezzijiet korrenti li kienu inferjuri. Dan ifisser illi d-debitur (l-attur odjern), konvenut f'dik il-kawża, seta' jkun jaf approssimativament kemm kien jilħaq id-debitu tiegħu, ġa ladarba hu stess qal li l-prezz kien regolat fuq il-prezzijiet korrenti, li, qal hu, kienu inferjuri għall-ammont mitlub. Għalhekk seta' jiddepożita ammont approssimativ, salva reintegrazzjoni, biex, minflok jibqa' jgawdi hu inġustament l-imgħax fuq il-flus tal-konvenut odjern. jagħti l-opportunità lil dan li jiż-

bank a l-ammont bla pregudizzju u jgawdi l-interessi fuq ilusu stess kif kien jistħoqq. Igħid l-istess Giorgi (loc. cit.):— "Tuttavia, anche nel difetto di liquidazione, se il credito è certo in genere e scaduto, in modo da permettere al debitore di farne l'offerta reale, salvo a supplire a seconda della liquidazione pendente, noi crediamo che gli interessi decorrano dal giorno della scadenza". U jiċċita diversi ġudikati tal-Qrati Taljani f'dan is-sens. Għandu jiġi osservat illi l-ġurisprudenza tagħna tirrikonoxxi, f'każijiet analogi, id-depożitu ta' ammont approssimativ, salva reintegrazzjoni tad-depożitu (P.A. "Mangion vs. Ellul", 8. 3. 1897);

Fir-Repertorju tal-Coen hemm riportat sunt ta' sentenza li rriteniet dan:— "Fino a che il debito è illiquido, ed il debitore non sia messo in grado di soddisfarlo mediante l'accertamento e liquidazione della somma dovuta, non decorrono gli interessi di mora, salvo che il debitore stesso avesse potuto agevolmente, e con elementi di fatto di cui aveva conoscenza, sapere la vera quantità del suo debito............" F'dan il-każ, l-attur odjern, allura konvenut, seta', skond dak li qal hu stess, jiddetermina approssimativament is-somma minnu dovuta u jiddepożitaha. Hu ppreferixxa jżomm f'idejh l-ammont li, anki jekk anqas minn dak li talab l-attur ta' allura, il-konvenut odjern, kien ta' pertinenza tal-konvenut odjern; u b'hekk irrenda ruħu passibili, ġa ladarba ma ddepożitax (wara offerta) dak l-ammont, ta' l-interessi kompensativi;

Għandu anki jiġi osservat illi fis-sentenza "Grech vs. Professur Gatt", 24. 10. 41, Appell (li aktar 'il fuq ġa ngħad li sejra tissemma bħala eċċezzjoni għall-assolutezza ta' l-affermazzjoni tal-prinċipju), hemm żewġ affarijiet li jaqblu marraġunamenti sa issa magħmula. L-ewwelnett, għad li f'dik is-sentenza ġie affermat il-prinċipju "in liquidandis non fit mora", ġiet mogħtija r-raġuni; qalet, difatti, il-Qorti, "għaliex ikun hemm presuppost li d-debitur ma jkunx jaf kemm għandu jħallas"; dawn il-kliem jassenjaw appuntu l-limitazzjoni, vwoldiri, jekk id-debitur jista' jkun jaf, allura l-prinċipju ma japplikax aktar. It-tieni, il-Qorti qalet ukoll li ma għandux ikun hemm vantaġġ indebitu, għaliex inkella l-Qorti tkun qiegħda tissanzjona att inġust kontra l-prinċipju l-ie-

hor "malitiis non est indulgendum". Issa, f'dan il-każ, l-att ingust ikun illi, kieku l-imgħax kellhom jiddekorru mis-sentenza, allura jiġi illi jkun qed jiġi indirettament approvat l-aġir ta' l-attur odjern li, avvolja kien jaf li xi somma kellu jagħti, u avvolja seta' jiddeterminaha approssimativament, ippreferixxa jżommha għandu u jillukra l-frutti tagħha (flus ħadd ieħor) minflok jiddepożitaha (ara anki sentenzi Rep. Coen, voce "Interessi", para. 166, 193, u 224);

Għalhekk il-Qorti tirritjeni li, sija in segwitu għall-interpretazzjoni tas-sentenza ta' qabel, sija għar-raġunijiet l-oħra fuq żvolti, l-interessi għandhom jiddekorru mis-6 ta' Settembru 1944 u sal-ġurnata ta' qabel is-sentenza, ċjoè sas-26 ta' Ottubru 1948; għax dawk ta' wara sal-pagament tħallsu. Il-mandat għandu għalhekk jiġi biss ridott;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba fis-sens biss li tirriduċi l-effetti tal-mandat għal-lokri dekorsi mis-6 ta' Settembru 1944 sas-26 ta' Ottubru 1948, u tiċħadha għall-bqija;

Kwantu għall-ispejjeż, wara li qieset il-proporzjon bejn it-telf u r-rebħ fil-kontestazzjoni, tordna li l-attur iħallas ħmistax-il parti minn sittax, u l-konvenut parti waħda minn sittax, ta' l-ispejjeż.